MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 349/2011

**A mart C sive C B ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali gratwit b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Awissu, 1993 f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri D u E**
**vs**
**C sive C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

ILLI l-esponenti hija ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali gratwit.

ILLI b'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet *A mart C sive C B ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali gratwit b'digriet tal-*

*Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Awissu, 1993 f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri D u E Vs C sive C B,* Citazzjoni numru 86/94, l-intimat gie ikkundAt ihallas bhala manteniment lill-attrici s-somma ta' ghoxrin lira (Lm 20) €46.59 fil-gimgha ghaliha personalment u s-somma ta' erba' u ghoxrin lira (Lm24) €55.90 fil-gimgha ghaz-zewg minuri illi jghixu maghha; b'total ta' erbgha u erbghin lira (Lm 44) €102.49 fil-gimgha.

ILLI mid-data tas-sentenza sallum l-unika ammont illi gie imhallas mill-intimat lill-esponenti huwa dak ta' €3200.

ILLI ghajr ghas-somma surriferita, l-intimat ma affettwa l-ebda pagament iehor versu l-attrici u ghaldaqstant naqas milli jottempra ruhu mas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, hawn fuq indikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qed titlob li din il-Qorti :

(1) TORDNA illi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 1995 fl-ismijiet *A mart Csive C B ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali gratwit b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Awissu, 1993 f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri D u E vs C sive C B,* Citazzjoni numru 86/94 tigi resa ezekuttiva a terminu ta' Artikolu 258 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Tghati Kull provvediment xieraq u opportun.

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u lanqas ma deher ghar-rikors;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghalhekk il-Qorti tilqa t-talbiet kollha u tordna illi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 1995 fl-

ismijiet A mart Csive C B ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali gratwit b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Awissu, 1993 f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri D u E vs Csive C B, Citazzjoni numru 86/94 tigi resa ezekuttiva ai terminu ta' l-Artikolu 258 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-ispejjez kontra l-intimat Csive C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------